**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 07 ta' Ottubru, 2015**

**Citazzjoni Nru: 910/2004 AF**

**Carmen Braddick Southgate u huha Joseph Scerri**

**vs**

**Teresa sive Tessie mart Harry Cassar u Gioacchino Scerri**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni mressqa minn Carmen Braddick Southgate u Joseph Scerri li permezz taghha, wara li gie premess illi:

Il-kontendenti huma ulied il-mejtin Helen u Carmelo konjugi Scerri.

Helen Scerri mietet fl-10 ta' Lulju 1998, filwaqt illi Carmelo Scerri miet fis-7 ta' Marzu 2002.

Il-konjugi Scerri kienu ghamlu testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Dr. Anthony Grech Trapani fit-13 ta' Ottubru 1992, filwaqt illi sussegwentement, Carmelo Scerri wahdu kien ghamel testment iehor, din id-darba wiehed sigriet, fl-20 ta'

Novembru 1988, debitament ippubblikat fl-10 ta' Settembru 2002 u jinsab fl-atti tan-Nutar Dr. Anthony Grech Trapani.

It-testment sigriet tal-20 ta' Novembru 1998 jiddikjara illi huwa ta' Carmelo Scerri, bin il-mejtin Giorgio u Teresa nee' Scerri, meta fil-fatt, missier il-kontendenti Carmelo Scerri mhux bin Giorgio imma bin 'missier unknown' kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tieghu.

Fit-testment *unica charta* taghhom, il-konjugi Scerri kienu hatru bhala unici eredi universali taghhom u fi proprjetà assoluta lill-erba' uliedhom hawnhekk kontendenti, filwaqt illi bit-testment sigriet tal-20 ta' Novembru 1998, Carmelo Scerri hassar it-testmenti kollha li kien ghamel qabel u filwaqt illi iddizeredita kompletament u totalment liz-zewg uliedu Carmen mart Michael Braddick Southgate u Joseph ahwa Scerri, hawnhekk atturi, istitwixxi bhala eredi universali u proprjetarji assoluti tieghu liz-zewg uliedu l-ohra Teresa sive Tessie mart Harry Cassar u Gioacchino ahwa Scerri fi kwoti indaqs bejniethom.

Din id-dizeredazzjoni minn Carmelo Scerri kontra z-zewg uliedu hawnhekk atturi, saret kif mistqarr fl-istess testment sigriet tal-20 ta' Novembru 1988, minhabba "mohqrija mentali, malafama u anke talli wara l-mewt ta' ommhom ma riedu bl-ebda mod jiffirmaw id-dokumenti necessarji mal-banek halli nista' ngawdi l-usufrutt lili mholli minn marti ta' gidha li minhabba hekk kelli noqghod nitallab il-karità minghand iz-zewg uliedi l-ohra".

Dawn l-allegazzjonijiet kostitwenti r-ragunijiet ghad-dizeredità tal-atturi mill-wirt ta' Carmelo Scerri ma humiex minnhom u mhux minnu bhala fatt illi l-atturi haqqru mentalment lil missierhom, mmalafamawh u gabuh jittallab il-karità minghand il-konvenuti, kollox kif ser jigi ppruvat fil-kors ta' din il-kawza.

Ghalhekk ma kienet tezisti ebda raguni valida minn dawk msemmija fl-Artikolu 623 tal-Kap. 16 li biha u permezz taghha seta' Carmelo Scerri jiddizeredita liz-zewg uliedu atturi.

Il-konvenuti gew interpellati sabiex jiskartaw it-testment sigriet ta' Carmelo Scerri tal-20 ta' Novembru 1998 ghar-ragunijiet hawn fuq msemmija, izda baqghu inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara illi Carmelo Scerri, salv kull dikjarazzjoni necessarja illi t-testment tal-20 ta' Novembru 1998 huwa tieghu bhala missier il-kontendenti, ma kellu qatt id-dritt illi jaqta' lill-atturi mill-wirt u ghalhekk tghid illi ma tiswiex id-disposizzojoni ta' dizeredazzjoni fit-testment sigriet tal-20 ta' Novembru 1998 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani.

2. Tiddikjara konsegwentement illi l-atturi huma, ai termini tal-Artikolu 629 tal-Kap. 16, huma intitolati ghall-legittima mill-wirt tal-istess Carmelo Scerri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess atturi u d-dokumenti maghha annessi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Teresa Cassar u Gioacchino Scerri li in forza taghha gie eccepit illi:

It-testment ta' missier il-kontendenti huwa validu fil-partijiet u fl-aspetti kollha tieghu u dan ghalhekk ukoll ghal dak li jirrigwardja d-disposizzjonijiet ta' dizereditazzjoni, li kienet, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, pienament gustifikata fil-fatt u fid-dritt.

F'kull kaz, l-istess atturi kienu rrinunzjaw formalment ghall-eredità tal-mejjet, missier il-kontendenti, u ghalhekk kull effett tal-ewwel talba attrici huwa biss ta' natura dikjaratorja.

Ghal dak li jirrigwardja t-tieni t-talba attrici, l-eccipjenti jiddikjaraw illi huma qatt ma opponew ghal fatt illi l-atturi jippercepixxu l-legittima lilhom spettanti mill-mewt ta'

missierhom, u ghalhekk ukoll f'kull kaz, l-eccipjenti m'ghandhomx ibatu l-ispejjez tal-istanza prezenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti.

Rat l-affidavit prodotti.

Semghet xhieda viva voce.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta din il-kawza, l-atturi qed jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara li missierhom ma kellux jedd jaqtaghhom barra mill-wirt. Huthom, il-konvenuti, ma jaqblux. Isostnu inoltre li l-istess atturi kienu rrinunzjaw ghall-wirt. Ukoll, jghidu li qatt ma opponew li huthom jiehdu legittima.

Jirrizulta illi l-ahwa kontendenti f'din il-kawza huma ulied Carmelo Scerri li miet fis-7 ta' Marzu 2002, u martu li mietet erba' snin qablu. Il-konjugi Scerri kienu ghamlu testment *unica charta* fl-1992. Erba' xhur wara l-mewt ta' martu, Carmelo Scerri ghamel testment sigriet li permezz tieghu qata' barra mill-wirt lil uliedu Carmen u Gioacchino. It-testment sigriet sar fl-20 ta' Novembru 1998. Huwa ovvju li d-data ta' 1988 imnizzla fl-att promotur tal-kawza giet hekk imnizzla bi zball (ara dokument a fol. 8).

Il-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi ghad-dizeredazzjoni fit-testment fl-Art. 622 et seq. L-Art. 623 jelenka c-cirkostanzi meta testatur jista' jaqta' barra mill-wirt:

> *"(a) jekk id-dixxendent ikun ċahad mingħajr raġuni l-manteniment lit-testatur;*

*(b) jekk, fil-każ li t-testatur jiġġennen, id-dixxendent jabbandunah mingħajr ma jieħu b'ebda mod ħsieb tiegħu;*

*(ċ) jekk, fil-każ li d-dixxendent seta' jeħles lit-testatur mill-ħabs, hu naqas mingħajr raġuni tajba li jagħmel dan;*

*(d) jekk id-dixxendent sawwat it-testatur, jew xort'oħra sar ħati ta' moħqrija lejh;*

*(e) jekk id-dixxendent kien ħati lejn it-testatur ta' offiża gravi;*

*(f) jekk il-persuna dixxendenti tkun tipprostitwixxi ruħha mingħajr konnivenza tat-testatur;*

*(g) f'kull każ li fih it-testatur, minħabba ż-żwieġ tad-dixxendent, ikun ġie, taħt id-disposizzjonijiet tal-artikoli 27 sa 29, dikjarat ħieles mill-obbligu li jagħti l-manteniment lil dak id-dixxendent."*

L-Art. 625 jipprovdi inoltre illi:

*"(1) Ir-raġuni tad-diżeredazzjoni għandha tiġi ppruvata minn dak li jsostni d-diżeredazzjoni.*

*(2) Jekk tkun issemmiet iżjed minn raġuni waħda, il-prova ta' waħda hija biżżejjed."*

Fit-testment sigriet tal-20 ta' Novembru 1998, Carmelo Scerri iddispona hekk:

*"Qed niddiseredita kompletament u totalment liz-zewg uliedi Carmen mart Michael Braddick Southgate u Joseph, ahwa Scerri u dana minhabba mohqrija mentali, malafama u anke talli wara l-mewt ta' ommhom ma riedu bl-ebda mod jiffirmaw id-dokumenti necessarji fil-Banek halli nista' ngawdi l-usufrutt lili mholli minn marti ta' gidha li minhabba hekk kelli noqghod nittallab il-karità minghand iz-zewg uliedi l-ohra."*

Peress illi hawn si tratta ta' deroga mill-principju kardinali li l-volontà tat-testatur ghandha tigi rispettata, kull applikazzjoni tal-kuncett ghandha essenzjalment tkun restrittiva.

Fis-sentenza Bartolo vs Bartolo (7 ta' Jannar, 1936) gie spjegat hekk:

> *"Illi jista' jinghad illi l-interpretazzjoni ghandha tkun restrittiva kontra min irid iwaqqa' d-dizeredazzjoni ghaliex ghandha tigi rispettata l-volontà tat-testatur. Il-verità hija illi l-interpretazzjoni ghandha tkun restrittiva favur, u mhux kontra min qieghed jimpunja d-dizeredazzjoni, ghaliex id-dizeredazzjoni, kif jghid il-Merlin hija haga odjuza. Il-ligi anke kontra l-volontà tat-testatur, irrizervat lil certi persuni sehem mill-wirt tal-istess testatur; biex kwindi t-testatur jista' b'dispozzizzjoni testamentarja jidderoga ghal ligi, u jhassar l-effikacja tar-rizervi li l-ligi ghamlet anke f'kaz ta' preterizjoni mill-parti tat-testatur, hemm bzonn li tkun tezisti kawza minn dawk enumerati mill-ligi u hemm bzonn li tgi sodisfacentement provata mill-eredi. Il-ligi tippermetti d-deroga ghad-dispozizzjonijiet taghha dwar il-legittima f'kazi determinanti; hemm bzonn kwindi li dawk il-kazi jigu ppruvati."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, din il-Qorti tenfasizza li l-provi li kien jehtieg li jingiebu f'din il-kawza kellhom jirreferu ghall-perjodu ta' qabel ma sar it-testment. Ghalkemm possibilment indikattivi ta' "pattern" ta' mgieba, avvenimenti u cirkostanzi li sehhew wara d-data tat-testment sigriet m'ghandhomx wahedhom jitqiesu bhala li jsejjsu r-ragunijiet ghad-dizeredazzjoni fil-kaz in ezami.

Ir-ragunijiet li ghalihom Carmelo Scerri ddizereda lil uliedu huma mohqrija mentali, malafama u l-fatt li rrifjutaw li jaghtu l-kunsens taghhom ghall-uzufrutt li kien igawdi fuq id-depoziti bankarji li halliet martu.

Din il-Qorti, ghalkemm tinnota li r-relazzjonijiet familjari bejn l-atturi u l-missier u bejn l-atturi u l-konvenuti ma kienux idejali, anzi kienu spiss movimentati, ma ssibx li ngabu provi tal-

mohqrija mentali li minnha lmenta t-testatur fit-testment sigriet.

Il-konvenuti jenfasizzaw l-incident li nqala' meta l-partijiet kienu migbura man-Nutar Grech Trapani biex jinqara t-testment tal-omm. Ghalkemm ma jirrizultax kontestat illi nqala' l-incident, din il-Qorti ma tistax ma tinnotax kif in-Nutar fix-xhieda tieghu ma jiftakrux. Din il-Qorti tifhem li kieku verament kien ta gravità daqshekk kbira, in-Nutar kien jiftakru bhala tali.

Lanqas ma ngabet ebda prova sodisfacenti dwar malafama. Kif spjegat fis-sentenza Attard Montalto vs Attard Montalto (20 ta' Marzu 1949 – fuq citata):

> *"…l-ingurja gravi lill-axxedenti kontemplata bhala kawza ta' dizeredazzjoni hija dik verbali jew reali, li tikkontjeni l-imputazzjoni ta' xi fatt li jippregudika l-unur ta' l-axxendent."*

Din il-Qorti hija konvinta illi r-raguni li wasslet lil Carmelo Scerri biex jaqta' lil uliedu mill-wirt kien ir-rifjut taghhom fir-rigward tal-uzufrutt li kien wiret minghand martu. Il-fatt innifsu huwa inkontestat. Il-partijiet kollha jikkonfermawh. Jikkonfermah ukoll in-Nutar li jispjega:

> *"Ghalkemm semmieli l-malafama, maltrattamenti etc ma niftakarx precizament kull ma qalli naf illi semmieli paroli zejda u naf illi l-iktar haga li ha bi kbira kienet il-fatt illi t-tfal bejniethom ma riedux jiffirmaw d-dokumenti tal-bank sabiex hu jibda jiehu l-uzufrutt u qabel ma jaghtihom rendikont ta x'kien hemm u x'ma hemmx. Jiena fhimt li effettivament din kienet ir-raguni."*

Il-konvenuti jsostnu li l-missier gie li kien nieqes mill-flus. Gioacchino Scerri jixhed:

> *"Huwa minnu li missieri kien nieqes mill-flus. Meta kien nieqes lili kien jitlobni. Darba kultant kien jghidli biex naghtih xi haga ghax m'ghandux."*

L-atturi jikkontendu li r-rifjut taghhom kien gustifikat. L-attrici fl-affidavit taghha tghid:

> *"Before our mother went to hospital, she took care of the family finances. Between them they received two pensions, our father's army pension and also the state pension. The income from these pensions was split between our mother and father. They kept the money in separate locked drawers in the sideboard. When our mother was admitted to hospital at the beginning of June 1998, our father started managing the finances. Our mother used to save whatever she had left each month and hence she had two accounts that built up over the years. She had in mind to leave her children some small legacy. In fact, our mother never let our father know that she had two bank accounts with the intention of taking care of her children, as our father liked to be a social drinker and spend whatever he had. When he became disabled and could not go out, he would still somehow to find a way to spend his money, as it appeared to "burn" a hole in his pocket.*
>
> *Our father received two pensions that totalled Lm393.90 per month and also government bonuses. The actual amount quoted is based upon his income in 1998."*

Jinghad inoltre:

> *"Our father was never short of money. He spent when and where he wanted. He bought presents for the Home staff, either for help given or as backhanders. He would treat whoever took him for a haircut. He was able to afford to give a financial gift to his grandchildren on the occasion of their marriage. As mentioned above, our father was not in any financial difficulty, if he was, then I would clearly have made sure he was not, but I also wanted to make sure that he would not waste our mother's legacy, as this was her wish."*

L-attur jikkonferma:

*"Dwar dak li gie allegat fit-testment illi b'azzjoni tieghi spicca kellu jittallab il-karità minghand huti l-ohra, irrid nghid illi dan mhux assolutament minnu u nichdu bl-akbar qawwa. Qatt ma qalli, urieni jew b'xi mod iehor indikali illi kien fil-bzonn."*

Id-disposizzjoni tal-missier li jberbaq flusu ma giet kontestata b'ebda mod.

Fic-cirkostanzi il-Qorti sib li l-assjem tal-provi prodotti jwassluha ghall-konkluzjoni li d-dizeredazzjoni tal-atturi da parti tal-mejjet Carmelo Scerri ma gietx pruvata skond il-ligi.

Finalment, il-konvenuti jsostnu illi l-atturi kienu rrinunzjaw formalment ghall-eredità tal-missier. Prova ta din ir-rinunzja, jekk saret, ma ngabitx lill-Qorti, kif del resta ma ngabet ebda prova fir-rigward tat-tielet eccezzjoni u ghaldaqstant dawn l-eccezzjonijiet qed jigu michuda wkoll.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi d-dispozizzjoni tad-dizeredazzjoni fit-testment sigriet tal-20 ta' Novembru 1998 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani ma tiswiex. Tilqa' wkoll it-tieni talba u tiddikjara li l-atturi huma intitolati ghall-legittima mill-wirt ta' Carmelo Scerri.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Teresa sive Tessie Scerri u Giacchino Scerri.

IMHALLEF

DEP/REG